OMBUDSMAN

MALTA

Każ Nru OMB-25-7021

17 ta' Settembru 2026

Onor Prim Ministru
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Auberge de Castille
Valletta

Għażiż Prim Ministru

Skont l-Artiklu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, qed nibgħatlek kopja tal-korrispondenza u l-Opinjoni Finali fejn ġie irrakkomandat li Transport Malta għandha:

(a) tapplika l-liġi kif inhi in partikolari l-Artikolu 77(2) tal-LS 65.11 u twarrab il-proċedura skorretta li qed tapplika fil-preżent, u ċioe li vettura tista' tipparkja quddiem garaxx meta jitħalla numru tat-telefon, u tara li din il-prattika skorretta ma tibqax tiġi mħaddma u tieħu ħsieb li tinforma bil-miktub lill-uffiċjali tagħha u mill-aktar fis temenda d-dokumenti li jsostnu din il-prattika.

(b) tikkordina mal-LESA u jekk ikun il-każ mal-awtoritjiet tal-pulizija biex ikun assikurat li jekk vetturi li jkunu pparkjati bi ksur tal-liġi, bħal fil-każ taħt eżami, parkeġġ quddiem garaxxijiet fejn isir parkeġġ ta' vetturi jittieħdu proċeduri inkluż li dawn jitneħħew jew jiġu rmonkati b'mod immedjat.

Wara li Transport Malta ġiet mitluba tinforma lil dan l-Uffiċċju bil-pożizzjoni tagħha dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmula sal-11 ta' Settembru 2026 dan l-Uffiċċju baqa' mingħajr risposta.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-kwistjoni qed tinġieb għall-attenzjoni tiegħek bit-tama li tista' tiġi riżolta u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa ta' passi ulterjuri skont l-istess Artikolu 22(4).

Insellimlek



Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Dokumenti annessi

Kopja: Is-Sur Oreste Cassar - Direttur Ġenerali (Implimentazzjoni u Koordinazzjoni) OPM